

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/678/PESK**tas-26 ta' Settembru 2014****li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Permezz tas-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2014 fil-Kawża T-572/11, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill biex tinkludi lil Samir Hassan fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (3) Samir Hassan għandu jerġa' jiġi inkluż fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, abbażi ta' dik-jarazzjoni ġdida ta' raġunijiet.
- (4) Barra minn hekk, l-informazzjoni relatata ma' żewġ entitajiet elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha tiġi aġġornata.
- (5) Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

⁽¹⁾ ĠUL 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNEX

1. Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li tinsab fit-Taqsima A tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"48.	Samir (سمير) Hassan (حسن)		Samir Hassan huwa negozjant prominenti, qrib figuri ewlenin tar-reġim Sirjan, bħal Rami Makhlouf u Issam Anboubā; minn Marzu 2014, huwa l-Viċi President għar-Russja tal-Kunsilli ta' Negozji Bilaterali wara l-ħatra tiegħu mill-Ministru tal-Ekonomija, Khodr Orfali. Barra minn hekk, huwa jappoġġa l-isforz ta' gwerra tar-reġim permezz ta' donazzjonijiet ta' flus. Għalhekk, Samir Hassan huwa assoċjat ma' persuni li jibbenifikaw minn jew li jappoġġa lir-reġim u jipprovdi appoġġ lil u jibbenefika mir-reġim Sirjan.	27.9.2014"

2. L-entrati li jikkonċernaw l-entitajiet elenkati hawn taħt, kif stipulat fit-Taqsima B tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"54.	Overseas Petroleum Trading magħrufa wkoll bħala 'Overseas Petroleum Trading SAL (Off-Shore)' magħrufa wkoll bħala 'Overseas Petroleum Company'	Dunant Street, Snoubra Sector, Beirut, Lebanon.	Tipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u tibbenefika mir-reġim billi torganizza bil-moħbi vjeġġi taż-żejt lir-reġim Sirjan.	23.7.2014
55.	Tri Ocean Trading magħrufa wkoll bħala Tri-Ocean Energy	35b Saray El Maadi Tower, Corniche El Nile, Cairo, Egypt, Postal Code 11431 P.O. Box: 1313 Maadi	Tipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u tibbenefika mir-reġim billi torganizza bil-moħbi vjeġġi taż-żejt lir-reġim Sirjan.	23.7.2014"